**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**

**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**
**INGINIER ALEXANDER GALEA**
**INGINIER MATTHEW SPITERI**

**Illum 30 ta' Jannar 2016**

**Rikors Numru. 37/2016**

**Liquigas Malta Limited**

**Vs**

**Ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors ta' l-appell ta' **Liquigas Malta Limited**ipprezentat fit-8 ta' Gunju 2016 li permezz tieghu gie premess is-segwenti:-

" *A.* ***Preliminari***

1. *Illi, permezz ta' ittra datata d-19 ta' Mejju 2016 ('il quddiem imsejjħa 'id-Deċizjoni', kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK LIQ A') mibgħuta lir-rikorrenti mill-intimat Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u Ilma (il-quddiem jissejjaħ 'ir-Regolatur'), in konnessjoni mar-Regolamenti tal-2016 li jemendaw ir-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Avviż Legali numru 134 tal-2016) (il-quddiem jissejħu 'l-Emenda') li permezz tagħhom ġie emendat ir-Regolament 5A tar-Regolamenti dwar is-Suq tal-Gass Petroleum Likwefatt (Leġislazzjoni Sussidjarja 545.20) (il-quddiem jissejħu 'ir-Regolamenti'), ir-Regolatur intimat iddeċieda illi:*

   *"the law [ċioè l-Emenda] clearly applies to all cylinders returned after the aforesaid date, irrespective of the date when the cylinder went into the market, in that 15 euro value is being ascribed to a cylinder as from the 29th of April 2016"*

2. *Illi r-rikorrenti ħasset ruħha aggravata b'din id-deċiżjoni u qed tinterponi appell minnha quddiem dan it-Tribunal;*

***A. Fatti***

3. *Illi r-rikorrenti topera fil-qasam tal-bejgħ ta' gass LPG (liquid petroleum gas) f'Malta u hija provditur awtorizzat mir-Regolatur biex tbiegħ u tqassam l-istess gass bl-ingrossa u bl-imnut, anke f'ċilindri li tagħhom hija s-sid;*

4. *Illi qabel ma daħlet fis-seħħ l-Emenda fid-29 ta' April 2016, ir-regolament 5A(4) tar-Regolamenti kien jipprovdi inter alia illi, f'każ li klijent aħħari jirritorna b' mod permanenti ċilindru tal-gass lill-provditur awtorizzat li jkun is-sid ta' dak iċ-ċilindru, huwa jiġi rifuż l-ammont tad-depożitu li jkun ħallas u li jidher fir-riċevuta pero f'każ li ma jkollux riċevuta huwa għandu jitħallas l-ammont ta' ħames euro (€5.00). Bl-Emenda żdied proviso fir-regolament 5A(4) li permezz tiegħu l-ammont li għandu jitħallas f'każ ta' ritorn ta' ċilindru ta' tnax-il kilogramma meta il-klijent ma jkollux riċevuta żdied minn ħames euro (€5.00) għal ħmistax-il euro (€15.00);*

5. *Illi l-ammont ta' €5 li ġie stabbilit meta daħal fis-seħħ ir-regolament 5A, li ġie inserit fir-Regolamenti fl-2011 (permezz tal-Avviż Legali 465 tal-2011), huwa bbazat fuq kunsiderazzjonijiet ekonomici u storici. Qabel ma n-negozju tal-LPG ġie privatizzat u s-suq ġie liberalizzat fis-sena 2008, il-Korporazzjoni Enemalta ('il quddiem tissejjaħ "Enemalta") kienet ilha għal ħafna snin tħallas lill-klijent aħħari l-ammont ta' €5 fiċ-ċirkostanzi msemmija. Dan l-ammont ta' €5 kien gie stabbilit wara li għal diversi snin l-ammont ta' depożitu imħallas l-ewwel lill-Gas Board (dipartiment tal-Gvern ta' Malta) u wara lill-Enemalta, kien ivarja - kien hemm żmien meta dan id-depożitu kien biss ta' 50 ċenteżmu Maltin (ċirka €1.16), u fil-fatt sal-ġurnata tal-lum, il-maġġor parti taċ-ċilindri tar-rikorrenti li hemm fis-suq huma dawk li fuqhom tħallas depożitu ta' 50 ċenteżmu Maltin;*

6. *Din il-prattika li allura saret parti min-negozju ġuridiku li kien jeżisti bejn l-Enemalta u l-klijenti kkreat drittijiet u obbligi reċiproċi bejn l-istess partijiet li ġew assunti mir-rikorrenti meta din akkwistat in-negozju mingħand l-Enemalta. Dan jirriżulta mill-kuntratt bejn is-soċjetà esponenti u l-Enemalta datat is-27 ta' Novembru 2008 ('il quddiem imsejjaħ "il-Kuntratt ta' Privatizzazzjoni" li estratti minnu qiegħdin jiġu hawn annessi u mmarkati bħala 'DOK LIQ B');*

7. *Illi l-proċess ta' privatizazzjoni ġie mmexxi mill-Gvern u kienu nvoluti wkoll bħala parti mill-proċess l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Rizorsi (il-predeċessur tar-Regolatur intimat). Ir-*Request for Proposals for a Concession for the Storage and Bottling of Liquefied Petroleum Gas *(kopja hawn annessa u mmarkata bħala 'DOK LIQ C') li kien inħareġ biex ġie mniedi l-proċess ta' privatizzazzjoni kien ukoll jindika il-'*customer deposits on cylinders*', bħala* liability *tal-Enemalta, fil-waqt li kien hemm indikazzjoni tal-istokk kurrenti taċ-ċilindri li kien hemm fis-suq. Meta wieħed jikkalkula l-ammont tal-"*liability*" diviż bl-ammont ta' ċilindri jsib li dan kien ta' ċirka € 5 għal kull ċilindru;*

8. *Illi ir-rikorrenti assumiet ir-responsabbiltà għall-'customer deposit liability' fuq il-bażi fuq imsemmija, kif jirriżulta mill-Kuntratt ta' Privatizazzjoni (ara l-klawżoli 4.2.2 u 11.3 tal-imsemmi Kuntratt ta' Privatizzazzjoni) meta akkwistat dan in-negozju minghand l-Enemalta bhala azjenda (*going concern*). Il-valur tal-azjenda ġie kkalkolat bhala l-valur tal-*going concern *bil-*liability *riflessa fid-*

*depoziti (ossija dak l-ammont rapprezentanti depoziti li ghandhom jiġu rifużi lill-klijenti, imsejjaħ 'customer deposit liability') mnaqqsa minn dak il-valur. L-ammont ta' €5 gie kalkolat kif imsemmi aktar il fuq, u l-'customer deposit liability' tidher fil-financial statements tas-socjeta' esponenti wara l-proċess ta' privatizzazzjoni (ara financial statements hawn annessi u mmarkati bħala 'DOK LIQ D');*

9. *Illi inoltre din il-prattika ta' rifużjoni ta' €5 ġiet diġà eżaminata mill-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni Ġusta (illum l-Uffiċċju għall-Kompetizzjoni) li, permezz ta' deċiżjoni datata 10 ta' Jannar 2011 (COMP-CCD/3/11), sab illi s-skema tad-depożitu ma hijiex anti-kompettitiva. Jiġi nnutat illi din id-deċiżjoni ikkonfermat illi din il-prattika tmur lura għall-1972 u, fl-istqarrija li akkompanjat id-deċiżjoni, ġie dikarat ukoll li l-ammont rikjest bħala depożitu inbidel matul iż-żmien, u kien hemm żmien meta dan id-depożitu kien biss 50 ċenteżmu ta' lira Maltija (ċirka €1.16) (ara dokumenti hawn annessi u mmarkata bħala 'DOK LIQ E');*

10. *Illi jidher ukoll illi l-Emenda kienet ġiet imbuttata minn kompetitriċi tas-soċjeta' esponenti, u ċjoe' Easygas Malta Limited ('il quddiem imsejħa "Easygas"), kif kien bil-wisq ovvju waqt laqgħa li saret fit-3 ta' Marzu 2016 mar-Regolatur. L-Easygas ilha taħżen ċilindri tar-rikorrenti, kontra d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 5A tar-Regolamenti, u skont ammissjoni tagħha stess, kellha xi xhur ilu xi 60,000 ċilindru tal-Liquigas;*

***B. Suġġett u Raġunijiet għat-Talba***

11. *Illi d-Deċiżjoni tar-Regolatur illi l-Emenda tapplika għaċ-ċilindri kollha li hemm fis-suq, irrispettivament meta s-servizz ingħata, tikkostitwixxi żball materjali dwar il-fatti u/jew żball fil-liġi u / jew deċiżjoni illegali u / jew irraġonevoli u / jew mhux proporzjonali għar-raġunijiet segwenti;*

12. *Illi f'każ li l-interpretazzjoni tal-Emenda li saret fid-Deċiżjoni hija korretta, dan ifisser li l-Emenda ser tapplika retroattivament għan-negozji ġuridiċi li saru qabel id-dħul fis-seħħ tal-Emenda;*

13. *Skond l-artikolu 9 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni (Kap. 249 tal-liġijiet ta' Malta), għalkemm liġi sussidjarja tista' tkun retroattiva però l-effett retroattiv tal-liġi sussidjarja tapplika biss "għal kull data li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ ta' dak l-Att [ċioè l-Att li bis-saħħa tiegħu tkun sarret dik il-liġi sussdjarja] jew, meta disposizzjonijiet differenti tiegħu jkunu jibdew iseħħu f'dati differenti, li ma tkunx qabel il-bidu fis-seħħ tad-disposizzjoni li bis-saħħa tagħha ssir il-liġi sussidjarja";*

14. *Illi, fl-ewwel lok, d-diċitura ta' dan l-artikolu tirrikjedi li biex liġi sussidjarja jkollha effett retroattiv, dan irid jiġi speċifikat espressament fl-istess liġi sussidjarja għaliex l-artikolu 9 tal-Kap.249 jiddisponi li l-liġi għandha jkollha '<u>data</u> li ma tkunx qabel ..." (enfasi miżjud). F'dan il-każ, mhux talli ma hemmx data speċifikata fl-Emenda iżda, mingħajr preġudizzju għas-suespost, anke l-kliem tal-Emenda ma jindikawx li l-Emenda għandha jkollha effett retroattiv. In vista ta' dan id-Deċiżjoni tar-Regolatur intimat hija żbaljata;*

15. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra miġjuba f'dan ir-rikors, dato ma non concesso li l-Emenda għandha effett retroattiv, dan l-effett, skond l-istess artikolu 9 tal-Kap. 249, huwa limitat fiż-żmien sal-31 ta' Lulju 2015 li hija d-data*

*li fiha daħal fis-seħħ l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kap. 545) li bis-saħħa tiegħu saret l-Emenda. Dan għaliex l-artikolu 9 tal-Kap. 249 jiddisponi li liġi sussidjarja ma jistax ikollha effett retroattiv li jmur lura qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Att li bis-saħħa tiegħu tkun saret dik il-liġi sussdijarja. Għal din ir-raġuni wkoll, id-Deċiżjoni tar-Regolatur hija żbaljata;*

16. *Illi, mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra miġjuba f'dan ir-rikors u irrispettivament mill-artikolu 9 tal-Kap. 249, ma huwiex konċepibbli li l-Ministru responsabbli, bid-delega mogħtija lilhu skond il-Kap. 545 biex jagħmel regolamenti wara konsultazzjoni mar-Regolatur intimat, ġie mogħti s-setgħa li jagħmel regolamenti li jilledu d-drittijiet kweżiti u l-aspettativi leġittimi tar-rikorrenti kif ukoll it-tgawdija paċifika tal-proprjetà u possedimenti kif protetti mill-Konvenzjoni u mill-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ('il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"). Skond il-Kostituzzjoni huwa l-Parlament u mhux l-Esekuttiv li għandu poter inerenti li jagħmel liġijiet u dan il-poter lanqas huwa assolut għaliex, inter alia, irid ikun "konformi ma' rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem" (artikolu 65 tal-Kostituzzjoni) – multo magis il-poter delegat mill-Parlament. Għaldaqstant, għal din ir-raġuni wkoll id-Deċiżjoni hija żbaljata;*

17. *Illi, dejjem mingħajr preġudizzju għall-argumenti l-oħra miġjuba f'dan ir-rikors, jekk id-Deċiżjoni ma hijiex żbaljata għaliex tirrifletti dak li tiddisponi l-Emenda, il-konsegwenza hija li d-Deċiżjoni hija illegali, irraġonevoli u tonqos mill-proporzjonalità meħtieġa anke għaliex hija bbażata fuq regolamenti li huma nulli, invalidi u mingħajr effett skond id-dritt amministrattiv għaliex huma illegali, ultra vires, irraġonevoli, mhux proporzjonali u għandhom tifsira li ma hijiex ċara;*

18. *Kif jirriżulta mill-fatti elenkati aktar 'il fuq f'dan ir-rikors huwa ċar li ir-rikorrenti għandha drittijiet kweżiti, aspettattivi leġittimi u proprjetà u/jew possedimenti derivanti minn negozji ġuridiċi li jeżistu bejn ir-rikorrenti u l-klijenti tagħha, il-Kuntratt ta' Privatizazzjoni u l-azjenda li tipposjedi. Il-Gvern u r-Regolatur intimat ma jistgħux jippretendu li l-poter li l-Ministru għandu wara konsultazzjoni mar-Regolatur intimat biex jagħmel regolamenti jagħtihom id-dritt li jbiddlu d-drittijiet kweżiti u l-aspettativi leġittimi tar-rikorrenti u dan wara li kien il-Gvern stess (bil-konsepavolezza tal-predeċessur tar-Regolatur intimat) li biegħ l-azjenda minn fejn jitnisslu dawn id-drittijiet u aspettattivi lir-rikorrenti. Lanqas jistgħu jippretendu li għandhom id-dritt li jkissru l-azjenda tar-rikorrenti u l-valur ta' l-istess azjenda, li hija proprjetà u possediment tar-rikorrenti, billi jittriplikaw l-ammont tal-customer deposit liability b' mod li jkun hemm impatt negattiv serju fuq il-balance sheet u il-cash flow tas-socjeta' esponenti, tant illi l-liability tar-rikorrenti ser tkun iżjed mill-equity tal-istess;*

19. *Illi, in tema legali, jiġi rilevat li, skond il-ġurisprudenza sew tal-Qrati ordinarji kif ukoll ta' dan it-Tribunal "normi godda jridu jirrispettaw dawk id-drittijiet li jkunu twieldu minn fatt akkwizittiv u validu taht il-ligijiet ezistenti u li jkunu allura gia' jifformaw parti mill-patrimonju ta' l-individwu" [Rikors numru 236/2012 XXX vs Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, 28 ta' Mejju 2015, Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva]; inoltre "jekk il-partijiet ikunu ezegwew arrangement, il-mod kif dan ikun gie ezegwit, jikkjarifika l-volonta' taghhom, u jekk ikunu ezegwewh ghal zmien kif elucidat mill-kondotta prosegwita dan irid ikompli hekk jigi ezegwit in kwantu din tikkostitwixxi l-interpretazzjoni awtentika, ammennoke ma jkunx hemm mutament tieghu. Mutament dan, li meta jokkorri, hu*

*mistenni, imbaghad, li jkun fil-limiti tar-ragonevolezza u minghajr ma jigi pretiz li ghandu jassumi karattru eccezzjonali ta' xi retroattivita'" [Appell Numru 16/03, AB vs Il-Kummissarju tat-Taxxa Fuq il-Valur Mizjud, 6 ta' Ottubru 2004, Qorti tal-Appell (Inferjuri)];*

20. *Illi, dejjem in tema legali, jiġi rilevat ukoll illi l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem tat interpretazzjoni wiesgħa tat-terminu 'possessions' kif użat fl-Artiklu numru 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni li tinkludi kemm drittijiet kontrattwali u kif ukoll aspettattivi leġittimi ("legitimate expectations") apparti proprjetà bħal ma hija l-azjenda tar-rikorrenti;*

***C. Talba***

21. *Għaldaqstant, is-socjeta' rikorrenti, filwaqt illi tagħmel referenza għall-atti kollha rilevanti u għas-sottomissjonijiet suesposti, b'riserva għal sottomissjonijiet ulterjuri, titlob umilment lil dan l-Onorabbli Tribunal jiddikjara illi l-għemil tar-Regolatur intimat konsistenti fid-Deċiżjoni fuq imsemmija huwa null, invalidu u mingħajr effett u/jew jirrevoka l-imsemmija Deċiżjoni, prevja kull dikjarazzjoni jew ordni oħra li dan it-Tribunal jogħġbu jagħmel.*

*Bl-ispejjeż kontra r-Regolatur intimat."*

Ra r-risposta tar-**Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma** ipprezentata fis-27 ta' Gunju 2016 li permezz taghha gie eccepit is-segwenti:-

"

1. ***Preliminari – Illi ma hemm l-ebda decizjoni x'tigi rrevokata stante li r-regolatur ma ha ebda decizjoni u ghalhekk dawn il-proceduri huma nulli peress li ma kien hemm l-ebda lok ghall appell;***

*1.1. Illi l-esponenti jirrileva li preliminarjament irid jigi deciz jekk l-ittra mibghuta mill-Ingineer Marjohn Abela nhar id-19 ta' Mejju 2016 hijiex decizjoni o meno, u dana peress illi r-Regolatur isostni li din kienet biss ittra datata 19 ta' Mejju 2016 bhala risposta ghall-ittra mibghuta mis-socjeta rikorrenti nhar l-10 ta' Mejju 2016;*

*1.2. Illi l-ittra mibghuta mill-esponenti qieghda tigi hawn annessa u mmarkata bhala '<u>Dokument REWS1</u>'*

*1.3. Illi mill-kontenut tal-ittra, li hija risposta ghall ittra ohra mibghuta minn Mamco TCV Advocates ghan-nom ta' Liquigas Malta Limited (Liquigas) datata 10 ta' Mejju 2016, jirrizulta car li l-ittra datata 19 ta' Mejju 2016 ma tikkostitwix decizjoni;*

*1.4. Huwa ghalhekk li ma hemmx lok ghall appell u huwa ghalhekk li dawn il-proceduri huma nulli u frivoli u vessattorji, u ghandhom jigu michudha bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti;*

2. ***Fil-mertu – Dwar ir-retroattivita o meno tal-ligi – din ma hijiex ligi retroattiva izda hija biss in-nuqqas ta' struttura amministrattiva tas-socjeta rikorrenti, frott ta'***

***inadempjenza tul is-snin li wasslet ghall diffikultajiet sabiex jigi stabbilit l-applikazzjoni o meno tal-ligi ghac-cilindri in kwistjoni;***

*2.1 Illi ma huwiex minnu li din hija ligi retroattiva;*

*2.2 Illi fil-fatt anki minn analizi tal-ittra mibghuta mill-Ingineer Marjohn Abela, jirrizulta li l-ligi hi applikabbli sa mid-29 ta' April 2016 il-quddiem u kull cilindru li jigi ritornat lilha wara dik id-data;*

*2.3 Illi d-diffikultajiet ta' implimentazzjoni ta' din il-ligi minhabba nuqqasijiet amministrattivi fi hdan is-socjeta rikorrenti ma ghandhomx jigu attribwiti bhala tortijiet lir-Regolatur, u s-socjeta rikorrenti ilha taf b'din il-ligi senjatament ir-regolament 5A u l-implimentazzjoni taghha u sal-llum baqghet inadempjenti ma sistema li taghmel tajjeb ghall-amminstrazzjoni ta' dawn ic-cilindri;*

*2.4 Illi dan ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna;*

**3.** ***Dwar jekk il-ligi hijiex kif qieghda tghid is-socjeta rikorrenti 'illegali, irragonevoli u tonqos mill-proporzjonalita mehtiega u bbazata fuq regolamenti nulli, invalidi u minghajr effett skont id-dritt amministrattiv ghax huma illegali, ultra vires, irragonevoli u mhux proporzjonali u ghandhom tifsira mhux cara (par.17)***

*3.1 Illi s-socjeta rikorrenti tirrileva li din il-ligi hija illegali, irragonevoli u tonqos mill-proporzjonalita mehtiega u bbazata fuq regolamenti nulli, invalidi u minghajr effett skont id-dritt amministrattiv ghax huma illegali, ultra vires, irragonevoli u mhux proporzjonali u ghandhom tifsira mhux cara (par.17);*

*3.2 Illi ma huwiex minnu li din hija ligi li b'xi mod hija irregolari u illegali;*

*3.3. Il-ligi inkwistjoni hija l-A.L. 134 tal-2015 maħruġa taħt l-Att dwar ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u l-Ilma (Kap 545 tal-Liġijiet ta' Malta), liema ligi giet ippublikata ukoll fis-suppliment tal-Gazetta tal-Gvern ta' Malta Nru 19 565 fid-29 ta' April 2016; u din il-ligi giet mahrugha skont il-ligi u certament mhux mir-regolatur li ma ghandux ir-rwol jew setghat legislattivi li jaghmel dan, izda skont l-att ghandu biss rwol konsultattiv u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza;*

*3.4 Illi jekk is-socjeta rikorrenti trid li tikkontesta din il-ligi jew l-applikazzjoni taghha o meno, certament li dan ma huwiex il-forum li fih ghandha tigi deciza il-vertenza u dana peress li dan huwa tribunal amministrattiv li ma jistax jippronunzja ruhu dwar din il-ligi u l-metodu kif din il-ligi saret izda biss l-applikazzjoni taghha mir-Regolatur u l-parametri ta' dik id-decizjoni, jekk kien hemm, kienux konformi mal-ligi jew le u jaqdi l-funzjonijiet tieghu ta' tribunal amministrattiv;*

*3.5 Illi dwar il-bqija tal-allegazzjonijiet u cioe n-nuqqas ta' tifsira tal-ligi o meno, jidher li t-tifsira tal-ligi hi ppjutost cara ghas-socjeta rikorrenti ghax kieku ma kienitx tintavola dan ir-rikors bil-kontenut tieghu;*

*3.6 Oltre hekk jidher car li d-diffikultà tas-socjetà rikorrenti hi dik li hi ma implimentatx sistema sabiex tkun tista tikkonforma ruhha mal-ligi, dan johrog car anki mill-ittra mibghuta mis-CEO Ing. Marjohn Abela ghar-Regolatur tal-Energija u l-ilma fejn qal ' The Regulator is in serious doubt as to how Liquigas intends to distinguish between cylinders issued on different dates given that the 15euro are to be reimbursed to consumers who do not have a receipt....(omissis)' u huwa fid-dawl ta' dawn id-diffikultajiet, flok hasbet kif ser taghmel, u kellha taghmel sabiex tottempera ruhha, iddecidiet li tindirizza dan il-forum;*

*3.7 Fid-dawl ta' dak provdut fl-Artikolu 7 tal-Kap. 490 tal-Ligijiet ta' Malta: t-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiv ghandu jkun kompetenti li jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt.*

*3.8 Illi johrog car li f'dan il-kaz ir-rikorrenti qieghda tattakka s-segwenti:*

a. *decizjoni li ma tezistix;*
b. *minghajr pregudizzju ghal dak sottomess aktar il-fuq, decizjoni allegatament illegali;*
c. *deiczjoni irragonevoli u li tonqos mill-proporzjonalita mehtiega u li hi bbazata fuq regolamenti nulli;*
d. *Qieghda tattakka l-ligi bhala invalida u minghajr effett skont id-dritt amministrattiv ghax hija illegali, ultra vires, irragonevoli u mhux proporzjonali u ma ghandhiex tifsira cara;*

*Allura fid-dawl tad-diffikultajiet kollha ta' din il-ligi, li fuqha s-socjeta rikorrenti qieghda tghid li l-esponenti ha d-decizjoni – il-procedura li kellha taddotta certament ma hijiex dik li ddur quddiem dan it-tribunal li xogholu huwa biss li 'jirrivedi atti amministrattivi ta' l-amministrazzjoni pubblika fuq punti ta' ligi u ta' fatt.'*

4. ***Dwar it-tema ta' legitimate expectations li qieghda tallega s-socjeta rikorrenti u l-mertu tal-kaz;***

4.1 *Illi dwar l-ewwel aggravju l-esponenti tisottometti li l-principju u l-massimu tal-Legitimate Expectation illum huwa parti ntegrali mill-Ligi nostrana u kif ukoll principju mhux biss parti integrali mill-konvenzjoni tal-Unjoni Ewropeja izda wkoll parti essenzjali u principju kardinali li fuqha jigu decizi l-kazijiet kollha ta' quddiem il-Qorti Ewropeja;*

4.2 *Illi l-esponenti tirreferi ghal kaz Topfler & Co GmbH v. Commission: fejn ghalkemm il-kaz intilef fuq il-mertu, gew infurzati l-principji segwenti: ' the principle of legal certainty, especially the principle of legitimate expectations and the 'Based on the German Law EC measures was not, in the absence of an overriding matter of public interest, violate the legitimate expectations of those concerned.'*

4.3 *Illi allahares l-argument tas-socjeta rikorrenti kif allaccat ma' legitimate expectations kellhu jregi, ghax kieku bl-istess argument l-ebda gvern ma jista minn sena ghall-sena jgholli jew jirrevedi t-taxxa, u dana minhabba legitimate expectation ta' kull individwu li minn sena ghall sena huwa kien ser idahhal tant qliegh jew ifaddal tant fil-but;*

4.4 *In-nuqqasijiet tas-socjeta rikorrenti li tfassal pjan u sistema sabiex id-distribuzzjoni o meno tac-cilindri tkun regolata hija diffikulta taghha, xi haga li ilha taf li kellha tigi regolata u identifikata; izda dejjem baqghet inadempjenti, u d-diffikultajiet amministrattivi taghha ma jistghux iwasslu ilment quddiem dan it-Tribunal billi tigi attakkata l-ligi fuq bazi ta' legitimate expectation;*

4.5 *Aktar milli legitimate expectation, ir-rikors tas-socjeta rikorrenti huwa bbazzat fuq 'My expectation' u cioe dak li tippretendi s-socjeta rikorrenti – u huwa ghalhekk li lanqas dan l-aggravju ma jregi;*

***5. <u>Konkluzzjoni</u>***

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jissottomettili t-talba ghandha tigi michudha ghar-ragunijiet imsemmija, bl-ispejjez kontra s-socjeta rikorrenti."*

Ra d-dokumenti kollha esebiti;

Ra l-affidavit ta' Paul Agius Delicata;[1]

Ra l-verbal tas-seduta tat-28 ta' Lulju 2016 fejn id-difensur tar-Regolatur intimat iddikjarat illi l-posizzjoni tar-Regolatur intimat kienet dejjem cara in kwantu l-ittra appellata ma kinitx tikkonsisti f'decizjoni;

Ra illi ghalhekk il-mertu ta' dan l-appell huwa ezawrit;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensur tas-socjeta` rikorrenti;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tar-Regolatur intimat;

Ra illi r-rikors gie mholli ghal-lum ghal sentenza dwar il-kap tal-ispejjez.

## Ikkunsidra:

Illi permezz ta' ittra datata 19 ta' Mejju 2016 is-socjeta` rikorrenti giet infurmata mir-Regolatur intimat li l-istess socjeta` kellha tapplika emenda li dahlet fis-sehh permezz tal-Avviz Legali 134 tal-2016 li emendat ir-Regolament 5A tar-Regolamenti Dwar is-Suq tal-Gass *Petroleum* Likwefatt skond l-interpretazzjoni tal-istess Regolatur. Illi din il-kwistjoni kienet tirrigwarda l-ammont ta' rifuzjoni ghac-cilindri tal-gass fic-cirkolazzjoni qabel dahlet l-imsemmija emenda.

---
[1] A fol. 169 sa 170

Illi l-ittra datata 19 ta' Mejju 2016 mibghuta mill-Inginier Marjohn Abela, *Chief Executive Officer* fi hdan ir-Regolatur intimat, kienet tghid is-segwenti:-

*"I write in answer to the letter dated 12th May 2016 sent by Mamo TCV Advocates on behalf of Liquigas Malta Limited ('Liquigas') regarding L.N. 134 of 2016.*

*An aspect eluded in the letter is that Liquigas has no effective system in place to check the entry into the market date/return date (to Gasco/Liquigas) of an LPG cylinder. Hence it is unreasonably concluding that each cylinder being attempted to be returned to it after the 29th May 2016, without a receipt, has been in circulation prior to the 29th of April 2016. The Regulator is in serious doubt as to how Liquigas intends to distinguish between cylinders issued on different dates given that the 15 euro are to be reimbursed to consumers who do not have a receipt and that no such discriminatory distinction may in fact be ascertained i.e. in case of no receipt, no proof would exist of the service having been issued prior or after such date. This is being said without accepting in any manner whatsoever that Liquigas has any right to withhold payment of the fifteen euros to any consumer not having a receipt in his possession.*

*Moreover, there is a general misreading of the law by Liquigas, in that the law states that:*

*"Provided further that the deposit as a guarantee for the restitution of a portable cylinder of a capacity of twelve (12) kilograms delivered to a final customer or any other person acting on his behalf, shall in all cases be of fifteen euro (€15) and the reimbursement of such deposit shall also be of fifteen euro (€15) when a final customer, or any other person acting on his behalf, is not in possession of a receipt. In the event that a final customer is in possession of a receipt indicating a higher amount than fifteen euro (€15), then such final customer, or any other person acting on his behalf, shall be reimbursed such higher amount."*

*Now it is true that the law has been applicable since the 29th of April 2016, which would exonerate Liquigas from reimbursing the consumer with the 15 euro amount if the cylinder has been returned to it prior to that date. But the law also clearly applies to all cylinders returned after the aforesaid date, irrespective of the date when the cylinder entered into the market, in that the 15 euro value is being ascribed to a cylinder as from the 29th of April 2016.*

*Liquigas is being advised to act accordingly."*

Illi s-socjeta` rikorrenti hasset li l-kontenut ta' din l-ittra ma kienx car u cioe` jekk kinitx tikkostitwixxi decizjoni jew direzzjoni skond l-Att dwar ir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma (Kapitolu 545) u ghalhekk baghtet ittra datata 20 ta' Mejju 2016 fejn talbet lir-Regolatur intimat jiccara dan il-punt.

Illi jirrizulta illi wara li ghaddiet gimgha mill-ahhar imsemmija ittra u s-socjeta` rikorrenti ma rceviet l-ebda risposta, Paul Agius Delicata, konsulent tas-socjeta` rikorrenti, cempel lic-*Chief Executive Officer* fi hdan ir-Regolatur intimat fejn l-istess ufficjal infurmah li l-kwistjoni kienet se tigi diskussa f'laqgha tal-Bord fi zmien qasir u li kienet se tinghata risposta wara l-istess laqgha.

Illi jirrizulta illi permezz ta' ittra ohra datata 31 ta' Mejju 2016 ir-Regolatur intimat informa lis-socjeta` rikorrenti illi *"the letter sent to Liqugas by the Regulator and dated the 19th May 2016 (enclosed) illustrates the manner by which the Regulator understands how the law is to be applied by the operators concerned."*

Illi Paul Agius Delicata spjega illi peress li din l-ittra ma taghtx twegiba ghall-mistoqsija tal-ittra taghhom tal-20 ta' Mejju 2016 u cioe sabiex jigi indikat jekk dak kontenut fl-ittra tad-19 ta' Mejju 2016 kinitx effettivament decizjoni skond l-Att, is-socjeta` rikorrenti hasset li ma kellha l-ebda alternattiva ohra hlief li tipprezenta l-appell odjern.

Illi min-naha l-ohra ir-Regolatur intimat jissottometti illi l-ghan apparenti tas-socjeta` rikorrenti kien li tattakka l-ligi innifisha jew l-applikazzjoni taghha u kien ghalhekk li talbet insistentement lir-Regolatur intimat sabiex jiddikjara l-posizzjoni interpretattiva tieghu ghar-rigward tal-applikazzjoni tal-Avviz Legali in kwistjoni. Ir-Regolatur intimat jargumenta illi s-socjeta` rikorrenti ma setghatx taghmel dan bi proceduri intavolati quddiem dan it-Tribunal izda f'*forum* iehor. Fin-nota ta' sottomissjonijiet gie spjegat illi jirrizulta car illi bl-ittra tad-19 ta' Mejju 2016 ir-Regolatur intimat ma kellux intenzjoni li b'xi mod jinkwadra l-ittra tieghu bhala decizjoni fil-parametri tal-ligi, tant li lanqas ta xi pre-avviz ta' xi azzjoni ta' nfurzar kontra s-socjeta` rikorrenti li kieku ma tirregolax ruhha mal-interpretazzjoni tal-Avviz Legali in kwistjoni.

**Ikkunsidra:**

Illi ladarba r-Regolatur intimat innfisu eccepixxa li m'hemm l-ebda decizjoni x'tigi revokata stante li l-ittra tad-19 ta' Mejju 2016 ma kinitx tikkostitwixxi decizjoni, allura t-Tribunal mhux se jidhol fil-mertu stante li dan huwa ormai ezawrit.

Illi ghalhekk jibqa' biss jigi ezaminat jekk is-socjeta` rikorrenti kinitx gustifikata fil-pass li ghamlet meta intavolat dan l-appell mill-ittra tad-19 ta' Mejju 2016.

Illi ai termini tal-artikolu 32 (1) tal-Att Dwar ir-Regolatur ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma (Kapitolu 545) persuna li thossha aggravata b'decizjoni[2] tar-

---

[2] Skond Artikolu 2 tal-Kapitolu 545 (Att Dwar ir-Regolatur Ghas-Servizzi tal-Energija u Ilma) "deċiżjoni" tinkludi kull determinazzjoni, miżura, ordni, ħtieġa, jew speċifikazzjoni tkun kif tkun deskritta li tittieħed mir-Regolatur għas-Servizzi tal-Enerġija u l-Ilma u l-kelma "deċiżjoni" għandha tinftiehem skont dan

Regolatur intimat ghandha dritt tappella quddiem dan it-Tribunal fi zmien ghoxrin gurnata.

Illi jirrizulta illi l-imsemmija ghoxrin gurnata mid-data tal-ittra tad-19 ta’ Mejju 2016 kienu jiskadu fit-8 ta’ Gunju 2016, proprju fil-gurnata li fih gie intavolat dan l-appell. Illi ghaldaqstant jirrizulta illi s-socjeta` rikorrent kienet kawta u halliet proprju sal-ahhar gurnata biex tintavola dawn il-proceduri, bl-isperanza li jkollha direzzjoni cara mir-Regolatur intimat.

Illi dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi ladarba s-socjeta` rikorrenti ma kellhiex risposta cara ghall-kwezit taghha jekk l-ittra mibghuta mir-Regolatur intimat datata 19 ta’ Mejju 2016 kinitx decizjoni fit-termini tal-Ligi, allura l-istess socjeta` ma tistghax tigi imputata b’xi tort li kkawtelat il-posizzjoni taghha bil-prezentata ta’ dan l-appell, u dan minghajr ma dan it-Tribunal jidhol fil-mertu jekk huwiex jew le il-*forum* kompetenti biex jiddeciedi t-talbiet dedotti minnha. Illi c-cittadin, u f’dan il-kaz is-socjeta` rikorrenti, ghandu jippretendi minghand awtorita` pubblika li tkun cara fejn jidhlu kwistjonijiet li jistghu jolqtuh direttament u mhux tkun vaga b’mod li c-cittadin jibqa’ espost ghall-incertezzi. Tali incertezzi jistghu biss iwasslu ghal proceduri, bhal dawk odjerni, li l-vertenza taghhom setghet giet rizolta kieku r-Regolatur intimat qal lis-socjeta` rikorrenti car u tond dak li eccepixxa fl-ewwel eccezzjoni tieghu, u cioe` li r-Regolatur “ma ha ebda decizjoni”. Dan it-Tribunal ma jistghax jifhem x’zamm lir-Regolatur milli jkun car mill-ewwel mas-socjeta` intimata biex b’hekk kienu jigu evitati dawn il-proceduri.

Ghaldaqstant, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi s-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda triq ohra hlief li tipprezenta dan l-appell biex tissalvagwardja l-interessi taghha u ghalhekk m’ghandhiex tigi akkollata bl-ispejjez.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, it-Tribunal, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghed jaqta’ u jiddeciedi billi filwaqt li jastjeni milli jiehu konjizzjoni tal-mertu ta’ dan l-appell stante li gie ezawrit, jiddeciedi l-kap tal-ispejjez billi jordna li l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ikunu a karigu tar-Regolatur intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta’ Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**